MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 144/2006

**Omajco Cleaners Ltd. (C-20894)**

**Vs**

**Marco Bugeja ezercitanti l-kummerc taht l-isem Automax**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta’ attrici nhar is-26 ta’ Mejju 2006 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrilaxxja l-van bin-numru ta’ registrazzjoni JBD – 427 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici maqbuda in forza ta’ mandat ta’ qbid numru 1348/06 u jhallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma rapprezentanti danni sofferti mill-istess socjeta’ attrici, kawza tal-fatt li huwa zamm il-pussess tal-van numru ta’ registrazzjoni JBD – 427 minghajr raguni valida, w ma ezegwiex ix-xoghol ta’ riparazzzjoni kif gie nkarigat li jaghmel mis-socjeta’ attrici meta huwa ha l-pussess tal-van JBD - 427 f’Otttubru 2003.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 15 ta' Frar 2006, tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-kawza w bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Ai fini tal-kompetenza l-ammont ma jeccedix il-hamest elef liri Maltin (LM5000).

Rat ir-risposta ta' Marco Bugeja pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Novembru 2006 fejn espona s-segwenti:-

*1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-esponenti esegwixxa, b'inkarigu ta' l-istess socjeta' diversi xoghlijiet fuq il-van bin-numru ta' registrazzjoni JBD 427 mertu ta' din il-kawza, w inkorra wkoll spejjez ghal din il-vettura, w ghandu jithallas is-somma ta' elf mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm1,251.12) fir-rigward, liema somma ghadha sa llum ma thallsitx lilu, w ghaldaqstant l-esponent ghandu l-jedd li jzomm l-istess van fil-pusess tieghu sakemm jithallas tax-xoghol u spejjez li saru minnu, liema dritt hu spettanti lilu ai termini tal-Artikolu 1997 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi konsegwentement kwalunkwe ordni biex il-vettura tittiehed mill-pussess tal-esponent ghandha tkun soggetta ghall-hlas shih tal-kreditu fuq imsemmi dovut lilu.*

Semghet lil **Anthony Vella** Direttur tas-socjeta' attrici jixhed nhar it-12 ta' Marzu 2007 u jghid li huwa ghandu numru ta' mpjegati jahdmu mieghu u fosthom kellu lil Bonello bhala Supervisor. Ikkonferma li fit-23 ta' Ottubru 2003 dan Bonello kien involut f'incident awtomobilistiku waqt li kien qed isuq il-van Piaggio numru ta' registrazzjoni JBD 427. Jghid li din il-vettura kienet koperta bil-polza ta' sigurta Fully Comprehensive ma' Citadel Insurance. Huwa ddecieda li jiehu l-vettura ghand l-Automax sabiex tissewwa. Ghalhekk huma kellhom jiehdu hsieb l-i*spray, panel beating*, kif ukoll il-*mechanics* tal-karozza.

Qal li l-parts damu biex jaslu w anke s-socjeta' assiguratrici kienet damet xi zmien sabiex tiehu decizjoni dwar liema parts kellhom effettivament jinbidlu. Stqarr li l-vettura huwa hadha ghand l-Automax nhar l-24 ta' Ottubru 2003, u haduha lura minghandu nhar is-27 ta' Settembru 2005. Meta gew mgharrfa mill-konvenut li kienet lesta huma marru biex jigbruha w huma sejrin lura biha waqfu biha ghal darba darbtejn.

Spjega li in segwitu fit-30 ta' Settembru 2005 huwa mar ghand l-Insurance Broker tieghu li huwa Peak Insurance u tkellem ma' Joe Cremona ghan-nom ta' Mark Zammit, li huwa is-Surveyor tal-Peak Insurance, u dan ghaliex ix-xoghol li kien sar fuq il-vettura tieghu ma kienx sodisfacenti. Fil-fatt dan qabel mieghu li x-xoghol in kwistjoni ma kienx sar skond is-sengha w l-arti.

Ftkar li huwa w sejjer lura x-xoghol minghand il-Peak kien cempillu l-konvenut Marco Bugeja w ftehmu li kellu jmur jigbor il-vettura sabiex jirranga l-hazin li kien fiha. Huwa ried ikun jaf kemm kien ser idum biex jirrangaha din id-darba, w dan qallu li kien bi hsiebu li jirritornaha l-Erbgha ta' wara. Gara li dakinhar kien involut f'incident ibnu w ghalhekk ma marx ghall-vettura. Wara xi xahar kien baghat lil xi mpjegat tieghu ghaliha izda gie nfurmat li l-vettura kienet ghadha mhix lesta, w meta tkun lesta kellu jkun Bugeja li jikkomunika mieghu.

Ghalhekk mar ghand l-avukat tieghu sabiex jiktiblu ittra. Dan sahansitra anke ikkomunika mal-konvenut direttament bil-ghan li jaslu ghal arrangament bonarju, w dan rega' qallu li l-vettura ma kinitx ghadha lesta w li kien lest li jaghmel kuntatt mieghu meta effettivament tkun lesta. Ikkonferma li l-vettura kienet ghadha ghandu. Ix-xhud qal li huwa kien qed isofri danni kbar u dan ghaliex ma setghux juzaw din il-vettura ghal dak iz-zmien kollu, kien qed ihallas l-*insurance* u *road license* taghha ghal xejn. Meta kellu bzonn kellu sahansitra anke jikri karozza.

Nhar il-15 ta' Novembru 2007 huwa esebixxa numru ta' ricevuti li gew markati bhala Dok CSH4. Qal li gieli hadem

bil-vettura ta' martu sabiex jevita li jzid mal-ispejjez. Qal li huwa kien kera l-vettura Fiat Dublo FDK 598 sabiex jahdem biha waqt li l-vann tieghu kien ghadu ghand il-*panel beater*.

In kontro ezami nhar l-4 ta' Marzu 2008 ikkonferma li fil-passat il-konvenut kien hadimlu fuq vetturi w qatt ma kellu problemi mieghu. Qal li l-van mertu tal-kawza kien hadu originarjament ghand il-konvenut bit-*tow truck* ghaliex kellu daqqa kbira fuq in-naha ta' quddiem. Qal li l-*insurance* tieghu kienu offrewlu li jtuh soma flus li tirrapprezenta l-ispejjez li kien hemm oltre li jzomm il-vettura. Dan pero' m'accettahx. Huwa talab li l-vettura tigi rrangata u msewwija. Ikkonferma li kien sar survey minn certu Natalino w ma kienx esebieh ghaliex qatt ma kien inghata kopja tieghu.

Qal li s-socjeta' Citadel damet hames xhur qanel ma hadet id-decizjoni jekk il-vettura kellhiex tissewwa jew le, w damu dan iz-zmien kollu ghaddejjin bin-negozjati, pero' wara li ttiehdet id-decizjoni li tissewwa l-parts relattivi gew ordnati mis-Citadel stess. Ikkonferma li l-parts damu hafna biex waslu wkoll.

Ikkonferma wkoll li waqt li l-vann tieghu Piaggio kien ghand il-konvenut kien mar ghandu w qallu jtih xi *knuckle part* ghaliex kellu bzonnha ghal van l-iehor tieghu ukoll Piaggio, izda meta l-parts waslu huwa kien rega' taha lura lill-konvenut sabiex titpogga f'postha. Ikkonferma wkoll li f'dan il-van kellu jsir xi xoghol *extra* wkoll, w li kien ser ihallsu hu ghalih. Cahad dak li gie allegat lilu mill-konvenut li kien qallu sabiex idahhlu fil-kont tal-*insurance*. Qal li kien minnu li l-vettura kellha zewg ghafsiet zghar zejda. Huwa kien talbu sabiex itella' dawn l-ghafsiet u jispreja l-vettura minn barra, w jixtrilu xi affarijiet ohra ta' portata zghira. Ikkonfema li qatt ma rcieva *invoice* ghal dawn l-affarijiet *extra* w ghadu ma hallasx taghhom, izda jaf li jrid ihallashom ghalkemm *invoice* taghhom qatt ma kien tah. Qal li l-ewwel kellu jlestilu x-xoghol u wara jhallsu. Spjega li fil-passat kien hemm okkazzjonijiet meta l-konvenut kien jaghmillu x-xoghol, jiehu l-vettura w hu jhallsu wara.

Mistoqsi jekk il-konvenut thallasx ghax-xoghol li kien ghamel minghand l-*insurance* jghid li ma jafx, pero' huwa kien ta struzzjonijiet lill-*insurance* tieghu biex ma jhallsux ghaliex ma kienx kuntent b'dak li kien sar.

Mistoqsi jekk jgharafx is-*survey report* redatt minn Philip Zammit u mmarkat bhala Dok PZ jghid li qatt ma kien rah qabel. Mistoqsi jekk kienx minnu li l-vettura kienet ilha lesta mis-sena 2006 jghid li ma jafx u dan ma jeskludihx, izda lilu qatt ma qallu li kienet lesta w li seta' jmur jigborha. Qal li l-avukat tieghu kien kiteb lill-konvenut u gharrfu sabiex jinformah meta l-vettura kellha tkun lesta izda huma qatt ma ircevew risposta ghal din l-ittra. Qal li huwa sar jaf li l-vettura kienet lesta meta pprezenta il-kawza l-Qorti.

Nhar is-16 ta' Mejju 2007 xehed **Jimmy Bonello**, is-Supervisor tas-socjeta' attrici. Qal li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku waqt li kien qed isuq il-van Piaggio numru ta' registrazzjoni JBD 427. Qal li in segwitu' din il-vettura ttiehdet ghand l-Automax sabiex tissewwa w fix-xahar ta Lulju 2005 kien mar jigborha ghaliex allegatament kienet lesta. Jghid li meta gabarha ma ra xejn hazina fiha, izda meta beda jsuqha din bdiet tishon u tiqaflu. Huwa cempel lill-imghallem tieghu li ghamel kuntatt mal-Automax. Qal li l-impjegati ta' l-Automax gew fuq il-post, hallewha tibred u wara dawn haduha lura l-garage. Ghadda xi xahar u rega' mar ghaliha flimkien ma' mpjegat iehor, izda fit-triq huma w gejjin regghet waqfet u dan bl-istess problema li kienet qieghda tishon. Jaf li regghu gabruha xi mpjegati tal-Automax. Ghadda z-zmien u regghu marru jigbruha ghat-tielet darba minghand l-Automax. Jghid pero' li x-xoghol ma kienx tajjeb u dan kien f'Settembru 2005, u minn hemm 'il quddiem ma regax ra l-van.

Qal li apparti l-problema fil-magna tal-vettura, kien hemm ukoll problemi fiz-zebgha ghaliex kien hemm xi carcir hdejn il-bieba w is-serratura tal-bieba ta' wara ma kinitx tinghalaq. Qal inoltre li waqt li kien qed jiprovaha rega' kellu accident zghir biha.

Mistoqsi ghal kemm kienu jammontaw il-hsarat fil-vettura jghid li ma jafx, ghalkemm jikkonferma li kien wegga' fl-incident. Mistoqsi jekk jafx x'tip ta xoghol taghmel l-Automax jghid li ma jafx ghalkemm jaf li jaghmlu *panel beating*. Qal li ma kienx hu li ha l-vettura hemm, u in oltre meta originarjament kienu hadu l-vettura hemm din ma kellhiex problema ta' *over heating* kif kien hemm aktar tard. Spjega li meta l-vettura jkollha *over heating* ir-roti jieqfu. Qal li huwa mar jigbor il-vettura minghand l-Automax tlett darbiet u qatt ma hallashom tax-xoghol li kienu ghamlu.

**Joe Cremona** Direttur tas-socjeta' ta' brokers Peak Insurance xehed nhar l-4 ta' Lulju 2007 u kkonferma li s-Sur Vella ghandu diversi vetturi nxurjati maghhom, fosthom il-vettura in dezamina numru ta registrazzjoni JBD 427. Qal li sa fejn jiftkar din il-vettura kienet involuta f'incident awtomobilistiku xi erba' snin qabel ma xehed. Qal li l-vettura giet mehuda ghand it-tellar tal-klijent, l-Automax, u kien hemm xi problema inizjali ghaliex ma kienx hemm *available parts*. Qal li sussegwentement il-parts gew u l-vettura bidet tissewwa. Qal li sentejn wara kien mar ghand il-klijent u gie muri l-vettura li suppost kienet giet irrangata. Talbu jaghtiha titwila w innota li kien hemm numru ta' difetti bhal xi xarcir ta' zebgha, l-bibien ma kinux issetjati sew, in-number plate kien imtaqqab f'nofs il-bumper (li kien gdid) u mhux f'postu. Qal ma kienx hemm bzonn li tkun espert biex tinduna bid-difetti.

Is-Sur Vella talbu sabiex johodlu *surveyor* u sabiex jiehu l-vettura fl-ufficcini taghhom, u gablu lil Mark Zammit is-*surveyor* taghhom. Qal li huwa broker u ma jaffettwax hlasijiet, izda kienet is-socjeta' Citadel li kellha thallas f'dan il-kaz, u dan ghaliex il-Comprehensive Cover li kellu s-Sur Vella kienet maghha. Qal li huma ma hallsux ghaliex il-klijent Vella ma kienx kuntent u ma iffirmax l-*instruciton form* taghhom.

**Mark Zammit** is-*surveyor* xehed nhar l-4 ta' Lulju 2007 u kkonferma li kien ezamina vettura numru ta' registrazzjoni JBD 427, ghalkemm stqarr li kienet tal-ghamla Suzuki.

Qal li huwa nnota li din il-vettura kellha n-number plate ta' quddiem invitat hazin, kien hemm carcir ta' zebgha fuq il-bieba, panels mhux milhuqa biz-zebgha, bieba mdendla, pumi neqsin u xi affarijiet ohra. Qal li huwa kien ezaminaha xi sentejn qabel ma xehed.

Illi fl-4 ta' Marzu 2008 l-konvenut **Marco Bugeja** pprezenta l-affidavit tieghu (fol. 41**).** Spjega li ilu jopera garaxx 'Automax' fejn isir *spray painting* u *panel beating* fuq vetturi ghal dawn l-ahhar tletin sena w jghid li l-garaxx tieghu huwa wiehed minn dawk li huma approvati mill-Malta Standards Authority. Qal li lil Anthony Vella ta' Omajco Cleaners jafu peress illi gieli hadimlu fuq il-vetturi tieghu, kif effettivament ghamel f'din il-kwistjoni.

Spjega li kien mar ghandu s-Sur Vella bil-vettura tieghu, van Piaggio numru ta' registrazzjoi JBD 427, ittowjata ghaliex kellha daqqa kbira fuq quddiem. Qal li s-Sur Vella xtaq li dan jigi kkunsidrat bhala *write off* ghax kellu iehor, izda huwa wiegbu li ma kienx jiddependi fuqu. Qal li ftit wara li l-van kien ghandu is-socjeta' assikuratirici tas-Sur Vella, cioe' Citadel, kienet baghtet is-*surveyor* taghha, certu Natalino Agius, li kien ghamel *survey report* datat 30 t'Ottubru 2003, li jinsab esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok NA.

Jghid li wara s-Sur Vella ghamel xi sitt xhur jinnegozja mas-socjeta' Citadel ghax ma riedx il-vettura aktar, u ried li titnizzel bhala *write-off* u jiehu l-valur assikurat tieghu fi flus. Jghid li Citadel kienet offrietlu *cash settlement* fis-sens li ttih il-valur tat-tiswija u l-fakolta' li jzomm il-van. Huwa m'accettax u fl-ahhar accetta li l-van jissewwa. Qal li f'dan iz-zmien ta' sitt xhur l-attur halla l-van tieghu fil-garaxx tieghu jokupalu l-ispazju w ma setax jibda jahdem fuqu peress li l-kwisjtoni ma kinitx rizolta mill-ewwel. Pero' dwar dan ma kien qallu xejn.

Qal li kienet is-socjeta' assikuratrici stess li ordnat il-parts w huwa ma kienx involut fl-ordni taghhom. Qal li l-parts damu hafna ma waslu w kienu f'idejh biss f'Awwissu 2005. Spjega li sakemm il-van tas-Sur Vella kien fil-garaxx tieghu, darba minnhom kien mar u qalaghlu n-

*knuckle* u l-*guardian shaft* ghaliex kellu bzonnhom ghall-van l-iehor tieghu sabiex ikun jista' jahdem bih. Jghid li s-Sur Vella kien talbu sabiex jordnahhomlu mill-gdid u jzidhom mal-kont li s-*surveyor* li kien ghamel fuq il-van li kien mizmum ghandu, izda huwa rrifjuta w qallu li s-Sur Agius kien diga' hejja *survey* u ma kienx indikahom. Qal li wara dan huwa ma setax icaqlaq il-vettura.

Meta waslu l-parts huwa kien talab lil Vella sabiex imur iwahhal in-*knuckle* sabiex ikun jista' jibda jahdem fuq il-van li kellu ghandu. Jghid li Vella kien baghat mekkanik fil-garaxx tieghu u dan wahhallu l-parts. Jghid ukoll li Vella talbu sabiex jaghmel xi xoghol zejjed fil-van, bhal jizbghu kollu, w ipoggi l-kont fuq l-assikurazzjoni wkoll, izda huwa rrifjuta li jaghmel hekk billi dan ix-xoghol ma kienx kopert b'dak li kien awtorizzzat jaghmel mill-Insurance. Qal li in effetti gie mistoqsi jaghmel hafna xoghol *extra* w huwa ghamlu, w dan fil-fatt jammonta ghal hames mija w wiehed u sittin lira Maltin u sitta w tletin centezmu (LM 561.36), kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti w immarkati bhala Dok KAV u KAV 2. Apparti li kien xtralu wkoll iz-zejt tal-magna, filter taz-zejt u filter tad-diesel li m'ghandux ricevuta taghhom. In oltre esebixxa ricevuta tal-parts li xtara b'zieda ma' dawk li gew mghoddija lilu mis-socjeta' assikuratrici, liema dokument gie mmarkat bhala Dok KC1 fl-ammont ta' sitt mija w disgha w tmenin Lira Maltin u sitta w sebghin centezmi (LM689.76). B'kollox ghalhekk huwa kreditur tieghu fl-ammont ta' elf mitejn u wiehed u hamsin Lira w tnax-il centezmu (LM1251.12) ekwivalenti ghal elfejn disa' mija w erbatax-il Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,914.32). Jghid li huwa ma thallas xejn minn dak mitlub minnu.

Jispjega li huwa kien lesta l-van fi zmien erba' gimghat wara li waslu l-parts, u meta kien cempel lis-Sur Vella biex imur jigbor il-vettura dan kien dam tlett gimghat ohra biex imur jaraha. Qal li huwa kien kostrett izomm il-van ghandu ghal perijodu ta' sentejn u b'hekk hadlu hafna mill-ispazju tal-garaxx.

Jghid li wara li s-Sur Vella gabar il-van, il-lavrant tieghu qallu li kien waqaf bih u li kien sahan, u meta mar jigbru

ghax sabu fil-genb tat-triq tal-Gudja, sabu hemmhekk bic-cavetta go fih u huwa qabad, startjah u telaq bih ghax ma kellu xejn hazin. Meta wasal lura l-garage cempel lis-Sur Vella w qallu li ma kien sablu xejn hazin fih. Fil-fatt kien mar il-lavrant, ipprovawh flimkien u l-lavrant baqa' sejjer bih. In segwitu jghid li s-Sur Vella cempillu w beda jilmenta fuq xi carcir ta' zebgha w hu qallu li kien lest imur jispezzjonah dak il-hin stess, izda qallu li kien imhabbat u jmur gurnata ohra.

Jikkonferma li kien cempillu s-Sur Mark Zammit, li huwa s-Surveyor ta' Peak Insurance Brokers, u qallu li s-Sur Vella kien qed jilmenta fuq xi xoghol li sar mar-rota w huwa spjegalu li s-Sur Vella kien qala' n-*knuckle* u ghamel xi xoghol fir-rota b'mekkanik iehor u huwa ma kellux x'jaqsam. Is-Sur Zammit kien qallu li ma kien jaf xejn dwar dan. Is-Sur Zammit qallu wkoll li kien hemm xi carcir u xi sadid fuq xi railing u dan wiegbu li qatt ma kien inkarigat sabiex jaghmel dan ix-xoghol.

Qal li mbaghad rega' mar ghall-van u beda jahdem fuqu. Jghid pero' li waqt li l-van kien ghandu s-Sur Vella kien xtaq jaqla' is-seats pero' huwa ma hallihx ghax ma riedx li l-istorja tan-*knuckle* tirrepeti ruhha.

Ix-xhud jaghmel referenza ghal dak li qal is-*surveyor* ta' l-assikruazzjoni ta' Vella, u cioe' "*Please note that the vehicle has been inspected following the repairs and it has been certified that all the repairs in connection with the front accident have been carried out to the trade obligations and to a very good finish*" u dan kif jirrizulta mid-dokument li gie anness mad-dokument GB konsistenti f'e-mail mibghuta lilu mis-Sur Natalino Agius (fol. 56).

**Natalino Agius** is-*surveyor* ta' Citadel Insurance xehed nhar it-8 ta' Mejju 2008 u kkonferma li huwa kien mar jispezzjona l-van meta kien involut fl-incident u kellu habta fuq quddiem, u in segwitu' kien hareg *survey report* li huwa esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok NA. Ikkonferma dan ir-rapport u qal li l-hsarat li kien hemm fil-van huma dawk indikati fl-istess rapport. Jghid li huwa ma kienx

involut f'dak li kien ghaddej bejn is-Sur Vella w l-Insurance, izda jaf li bejn l-ispejjez li kien hemm is-socjeta' assikuratrici ddecidiet li ssewwi l-vettura.

Qal li in segwitu' li saru t-tiswijiet necessarji, huwa rega' mar jara l-van, u dan kien fid-9 ta' Lulju 2006, u kkonferma dak li kien kiteb fl-e-mail tieghu cioe' li meta ra l-van dan kien f'kundizzjoni tajba, w it-tiswijiet u r-riparazzjonijiet kollha li kienu saru in konnessjoni mal-habta li kien hemm fuq quddiem ta' din il-vettura, saru skond is-sengha w l-arti. Qal li l-vettura kienet *back on the road* wara li ssewwiet.

In kontro-ezami Jghid li veru li l-vettura damet tliet snin biex tissewwa, ghaliex huwa ccertifikaha tajba f'Lulju 2006, izda jghid li ma kienx jaf li l-vetura giet irtirata mis-Sur Vella fis-sena 2005, u li ma kinitx f'kundizzjoni tajba. Ikkonferma wkoll li huwa rega' ezamina l-vettura ftit qabel ma xehed u sab li kienet ghadha tajba kif kienet.

Rat in-nota tal-konvenut datata 13 ta' Mejju 2008 li permezz taghha nforma lill-Qorti li huwa kien bi hsiebu jzomm il-van sakemm jithallas tax-xoghol u tal-ispejjez li saru minnu, stante li l-attur kien qed jirrifjuta li jaghmel dan il-hlas.

Rat ukoll in-nota l-ohra tal-konvenut datata 17 ta' Frar 2009 li permezz taghha esebixxa zewg dokumenti, u cioe' avviz ta' smiegh tal-kawza fl-ismijiet inversi, fejn il-konvenut fittex lis-socjeta' attrici f'din il-kawza, kif ukoll lis-socjeta' Citadel sabiex jithallas ta' xoghlu, w sabiex jigi rimborsat ghall-prezz tal-parts minnu sborsati w cedola ta' depositu pprezentata mis-socjeta' Citadel in segwitu' tal-prezentata tal-kawza gja msemmija fejn gie depositat l-ammont dovut mis-socjeta' assikuratrici a favur tieghu. (vide fol. 72 u 73).

**Philip Zammit** xehed nhar it-22 t'April 2009 u kkonferma r-rapport tieghu immarkat bhala Dok PZ datat 26 ta' Jannar 2006. Qal li fil-fehma tieghu kien hemm cappetta ta' *sliding door* li kienet laxka w skond min sewwieh stqarr li kien ordna din ic-cappetta izda kienet ghadha ma

waslitx.  Il-bqija dwar zebgha w riparazzjonijiet li kienu saru fuq il-van, huwa ma ra xejn hazin u ghalhekk fil-fehma tieghu ix-xoghlijiet li saru, saru skond is-sengha w l-arti.  Qal li pero' huwa ma marx dawra biha, pero' dak li seta' jara vizwalment kien tajjeb.

**John Buttigieg** Head tal-Motor Claims tas-socjeta' Citadel xehed nhar it-22 ta' April 2009 u kkonferma li fis-27 ta' Ottubru 2003 kienet dahlitilhom *claim* mis-Sur Anthony Vella  f'isem Omajco Cleaners, li l-vettura tieghu van Piaggio  JBD 427 kienet involuta f'habta.  Huma damu ghaddejjin bid-diskussjonijiet jekk il-vettura kellhiex titranga jew le, izda wara numru ta' xhur iddecidew li kien ikun ahjar li l-vettura tissewwa u l-klijent accetta. Ikkonferma li kienu huma stess li ordnaw il-parts minghand United Automobile Limited u dan wara li l-klijent kien xtaq li jxtri l-parts minn Sqallija, izda l-istima taghhom qatt ma waslet.  Qal li l-parts li waslu f'zewg konsenji gew imhallsa direttament minn Citadel.  Ikkonferma li fit-12 ta' Dicembru 2005 kienu rcevew kont minghand l-Automax, izda l-klijent kien infurmahom li ma kienx kuntent bix-xoghlijiet li kienu saru w li ghalhekk ma kienx awtorizzahom jaghmlu l-pagament. Ikkonferma li x-xoghlijiet li saru fir-rigward tal-*claim* taghhom kienu sodisfacenti tant li huma ddepositaw il-flus il-Qorti permezz ta' cedola (vide fol. 73).

Naturalment jghid li d-decizjoni sabiex il-vettura tissewwa ttiehdet qabel ma gew ordnati l-parts fi Frar 2004. Ikkonferma li kienu baghtu lis-*surveyor* taghhom biex jaraw il-vettura meta din kienet lesta, pero' ma kien jaf xejn dwar ir-rapport li ghamel.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenutipprezentata nhar it-13 ta' Ottubru 2010 u dik prezentata mill-attur nomine fl-istess jum.

Semghet lill-partijiet jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2010.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur nomine qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrilaxxja l-van proprjeta' tieghu tal-ghamla Piaggio numru ta' registrazzjoni JBD 427, u in oltre tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni minnu sofferti ghaliex ix-xoghol esegwit minnu ma kienx skond is-sengha w l-arti.

Il-konvenut min-naha l-ohra qed jghid li huwa nkorra diversi spejjez in konnessjoni ma' din l-istess vettura w mhux lest li jirrilaxxja l-vettura qabel ma jithallas taghhom. Dwar il-kwistjoni ta' nuqqas ta' sengha w l-arti fix-xoghol li sar fil-vettura, l-konvenut ma jghid xejn fir-risposta tieghu.

Jirrizulta mill-atti li l-konvenut m'ghamel l-ebda kontro-talba, izda ghazel li jipprezenta kawza *ad hoc* fejn qed jitlob l-ispejjez li huwa nkorra 'n konnessjoni mal-vettura mertu tal-kawza, quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar, u ghalhekk f'din il-kawza m'hemmx kwisjtoni li l-Qorti ghandha tikkundanna lill-attur nomine jhallas lill-konvenut, f'kaz li ssib illi l-ispejjez inkorsi minnu kienu misthoqqa.

Illi ghalhekk f'din il-kawza din il-Qorti trid tezamina l-kwistjoni jekk ix-xoghol li ghamel il-konvenut fil-van tal-attur nomine kienx skond is-sengha w l-arti, w dan ghaliex f'kaz li kien l-attur kellu d-dritt jirtira l-istess u l-konvenut kellu obbligu jirrilaxxja l-istess, u jekk il-konvenut ippretenda li kellu xi drittijiet fuqha seta' jikkawtela d-drittijiet tieghu permezz ta' mandat opportun.

Jirrizulta li l-attur kien ha l-vettura tieghu ghand il-konvenut fis-27 t'Ottubru 2003 sabiex tissewwa wara li kienet involuta f'incident awtomobilistiku fejn kellha daqqa frontali. Jirrizulta wkoll li ghall-ewwel kien hemm diskussjonijiet bejn is-socjeta' assikuratrici tal-attur u l-attur stess jekk din il-vettura kellhiex tissewwa jew le, izda wara numru ta' diskussjonijiet kienu waslu ghad-decisjoni li l-vettura kellha tissewwa, tant li hija stess ordnat il-parts. Dawn damu ma waslu, izda appena waslu l-konvenut beda bix-xoghol fuq il-vettura.

Jirrizulta, w dan mhux kontestat, li l-vann kellu xi xoghol iehor li kellu jsir fuqu, li ma kienx kopert bil-*claim* li kien

ghamel mas-socjeta’ assikuratirci, fis-sens li ma kienx indikat fis-*survey* li kien haree Natalino Agius ghan-nom tas-socjeta’ assikurtrici, izda dan nonostante l-attur xtaq li x-xoghol kellu jsir u li kien lest li jhallsu apparti.

Jidher li x-xoghlijiet tlestew, kemm dak in konnessjoni mal-habta kif ukoll dak ancillary, u dwar dak ancillari l-attur kellu r-riservi tieghu, u kien ghalhekk li ma marx jigbor il-vettura.  Jidher mill-atti li l-vettura kienew issewwiet b’mod tajjeb, skond l-e-mail mibghuta minn Natalino Agius, u li kollox kien sar skond is-sengha w l-arti.  L-attur nomine ma jaqbilx ma’ dan u dan ghaliex fil-fehma tieghu kien hemm xi affarijiet nieqsa w ohrajn li ma sarux tajjeb, pero’ dwar dan ma gab l-ebda prova dokumentarja sabiex jissostanzja dak li kien qed jallega. Min-naha l-ohra l-konvenut gab ukoll *survey* indipendenti, w cioe’ ta’ Philip Zammit, li jghid li t-tiswijiet li saru fuq  il-vettura saru skond is-sengha w l-arti.  Illi ghalhekk  it-tezi tal-attur mhix korroborata.

Dwar it-talba tal-attur ghad-danni li sofra jinghad li l-attur stqarr li huwa kera karozza ghal certu zmien li l-vettura kienet mizmuma fil-garaxx tal-konvenut.  Illi  jirrizulta skond ma qal ix-xhud rapprezentant ta’ Citadel Insurance, is-Sur Buttigieg, li huma m’ordnawx il-aprts mill-ewwel ghaliex kien l-attur stess li xtaq li jordna l-parts minn Sqallija, pero’ naqas li jipprovdilhom stima.  Dan qatt ma gie kontestat mill-attur.  In oltre jirrizulta li meta l-vettura tlestiet l-attur ma marx jigborha ghaliex kien imhabbat. Jirrizulta wkoll li meta l-vettura giet effettivament migbura mill-attur, dan jghid li kellha hsara, pero’ l-konvenut jghid li dan ma kienx minnu w meta mar jigborha sab li kienet fit-triq wahedha bic-cavetta go fiha, w meta saqha lura lejn il-garage u ra li ma kellha xejn hazin talab lill-attur biex imur jigborha, izda per sfortuna ibnu kien involut f’incident fatali u ghalhekk ma marx ghaliha.

Jidher li verament l-attur ma marx jigbor il-vettura ghaliex fil-fehma tieghu ix-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti, pero’ dan ma jirrizultax li kien il-kaz, u ghalhekk l-attur ma kellu l-ebda raguni biex ma jmurx jigbor il-vettura. Messu mar u gabar il-vettura w jekk verament il-konvenut

ma riedx jirrilaxxja l-vettura messu iddeposita l-flejjes in kontestazzjoni fil-Qorti w jaghmel mandat fuqhom biex jikkawtela l-pretensjoni taghhom, pero’ fl-istess hin jirriprendi l-pussess tal-vettura. Haga li m’ghamilx.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tilqa’ dik it-talba tal-attur fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrilaxxja l-vettura proprjeta’ tal-attur, u cioe’ l-van Piaggio numru ta’ registrazzjoni JBD-427, u dan billi tordnalu jirrrilaxxjaha fi zmien jumejn millum, meta l-attur ghandu jmur jigborha, pero’ tichad it-talba tal-attur li tikkundanna lill-konvenut ihallas xi danni, w dan ghaliex fil-fehma taghha ma gew kawzati l-ebda danni lill-attur mill-konvenut. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut li tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvent l-ispejjez reklamati minnu fir-risposta tieghu, peress illi l-konvenut m’ghamel l-ebda talba *ad hoc* f’dan ir-rigward, u fil-fatt thalli din il-kwistjoni impregudikata.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------